# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace LL.D.

Kawza tal-Kollizjonijiet

Illum, 29 ta' Jannar, 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Spiteri)**

**vs**

**Christian Muscat**

**Il-Qorti**,

*Akkuzi*

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, **Christian Muscat**, **bin Michelle Muscat imwieled fil-26/07/1998 u joqgħod 74, Perla, Triq in-Nadur, Marsaskala, talli fis-6 ta' Novembru 2020 għall-ħabta ta' s-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00) fi Triq Wied il-Għajn, Żabbar saq vettura b'numru reġistrazzjoni JBA762,**

1. Mingħajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

2. U talli saq l-istess vettura mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta biex tintuża fit-triq;

3. U b’nuqqas ta’ ħsieb u bi traskuraġni ta’ ħila fl-art jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat ma’ vettura nru. DEM114 w involuntarjament ikkaġuna ħsarat għad-dannu ta’ Maria Mallan;

4. U b’nuqqas ta’ ħsieb u bi traskuraġni jew b’nuqqas ta’ ħila fl-art jew professjoni jew ta’ tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat ma’ vettura nru. GBS156 w involuntarjament ikkaġuna ħsarat għad-dannu ta’ John Bartolo;

**Il-Prosekuzzjoni talbet li tiġi skwalifikat/a mill-liċenzji kollha tiegħek tas-sewqan.**

**Il-Qorti ntalbet li f’każ ta’ ħtija minbarra li tinfliġġi l-piena skond il-liġi, tnaqqas il-punti mill-liċenzja tas-sewqan hekk stabilit mill-L.S 65.18 Sitt Skeda.**

Semghet viva voce ix-xhieda Demi Marie Mallan, Kenneth Fox, Maria Mallan, Tancred Cesareo, ilkoll prodotti mill-Prosekuzzjoni w ezaminat l-atti kollha tal-kawza b’mod partikolari l-Affidavit ta’ PC 858 Justin Axisa.

Waqt is-seduta tat-30 ta’ Gunju 2022 il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi x’tipprezenta.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma riedx jixhed.

Rat l-Artikolu 3 (1) tal-Kap. 104, l-Artikolu 15 (1) (a) u l-Artikolu 15 (3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65, Ligijiet ta’ Malta), u l-Artikolu 328 (d) tal-Kap. 9, LS65.18, Art36B, LS65 Sitt skeda.

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet.

Rat id-dokumentazzjoni kollha prodotta.

*Kwadru tal-fatti*

Dan il-kaz jitratta dwar incident awtomobilistiku li seħħ nhar is-6 ta’ Novembru 2020 għall-ħabta ta 14:00 fi Triq Wied il-Għajn, Ħaż Żabbar. F’dan l-inċident ma weġġa’ ħadd. F’dan l-inċident kienu involuti tliet (3) karrozzi u cioé Toyota Starlet bin-numru ta’ reġistrazzjoni JBA762 li

kienet misjuqa mill-intimat Christian Muscat iżda l-proprjeta’ ta’ Kevin Bartolo, il-vettura Mitsubishi Colt Di-D Equippe bin-numru ta’ reġistrazzjoni DEM114 propjeta’ ta’ Maria Mallan, u Mercedes Benz bin-numru ta’ reġistrazzjoni GBC156 proprjeta’ ta’ John Bartolo. Il-Vettura tal-marka Mitsubishi u ta’ Mercedes Benz kienu pparkjati fl-imsemmija triq. Fl-istqarrija ġuramentata tiegħu PC858 Justin Axisa stqarr li l-Pulizija Eżekuttiva kienet kellmet lill-Imputat, Christian Muscat, li qalilha li huwa kien qed isuq il-vettura Toyota Starlet u tilef il-kontroll tagħha b’hekk ħabat mal-imsemmija vetturi li kienu pparkjati fit-triq de quo. Huwa qal lill-Pulizija li kien għadu kif xtara l-vettura u li kienet għadha bla liċenzja w insurance, izda jinghad li ma inghatawx it-twissijiet necessarji ghad-dritt tas-silenzju u l-avukat.

Fix-xiehda tagħha, Demi Marie Mallan qalet li kienet fuq il-post tax-xogħol tagħha, semgħet ħoss kbir u ħarġet tara x’kien ġara. Rat il-vettura tal-Imputat, li għarfet fl-awla waqt is-seduta tal-kawza, “Tħares fit-triq opposta u rajt il-karrozza tiegħi kważi ġo parapett.” Il-karrozza tagħha kienet ipparkjata fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Ix-xhud qalet li l-vettura tagħha ġarbet ħsarat tul il-ġenb kollu tagħha u ma setgħetx tinstaq. Ix-xhud qalet li l-vettura misjuqa mill-Imputat kienet daħlet fil-vettura tagħha u oħra ta’ ħaddieħor. Dan kollu tafu għax dakinhar tal-inċident l-Imputat ħareġ mill-karrozza tiegħu w qalilha li kien daħal fil-vettura tagħha. Ix-xhud ippreżentat għadd ta’ ritratti li juru l-vettura tagħha, il-pożizzjoni tal-vetturi w l-ħsarat li ġarrbu l-istess vetturi. Mir-ritratti, hi għarfet il-vettura tagħha, tal-Imputat u tat-terza persuna. Fil-post tal-inċident *de quo* kien hemm uffiċjali tal-pulizija kif ukoll tal-LESA. Ix-xhud xehdet li l-Imputat kien kellimha u qalilha “*… li ma kellux flus sabiex iħallasni għall-ħsara...u beda jgħidli li jħallasni ftit, ftit*.” Hija qalet li qalilha li kien se jħallasha bin-nifs u aktar tard kien gabilha xi parts tal-karrozza izda ma kinitx taf jekk humiex tajbin. Hija qalet l-Intimat qalilha wkoll li ma kienx kopert bl-assigurazzjoni. Waqt il-kontro-eżami tagħha, hija qalet li għalkemm ma kinitx rat l-inċident iseħħ, rat lill-Imputat fil-vettura tiegħu u ma kien hemm ħadd ħdejh meta ħarget mill-ewwel biex tara x’ġara.

Maria Mallan xegħdet li hija sidt il-vettura DEM114 li dakinhar tal-inċident *de* quo saqet bintha Denise Mallan.

Kenneth Fox xehed li huwa kien miexi fi Triq f’Ħaż Żabbar qrib nursery tat-tfal, kantuniera minn Triq Ix-Xgħajra huwa kien għadu kemm mar jixtri u sema ħoss (“screech”) u ħabta. Iktar ‘l fuq sab li saret ħabta mal-vettura tiegħu. Huwa ma kienx ra l-inċident iseħħ. Huwa għaraf il-vettura li kellhu

pussess tagħha u li kienet proprjetà ta' John Bartolo. Huwa għaraf il-vettura tiegħu mir-ritratti li jinsabu *in atti* u cioé l-Mercedes Benz. Huwa għaraf fl-awla lill-Imputat. Huwa ma kienx ra l-inċident iseħħ.

Tancred Cesareo, uffiċjal tal-LESA xehed dwar l-inċident li seħħ nhar is-6 ta' Novembru 2020 għall-ħabta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00) fi Triq Wied il-Għajn bejn tliet (3) karrozzi. Il-vettura JBA762 ma kellhiex insurance u lanqas liċenzja. Kien l-imputat stess li qallu li ma kienx kopert meta kellmu ħalli jieħu d-dettalji tiegħu. Skond ix-xhud, l-uffiċjali tal-LESA jmorru fuq il-post tal-inċident biex jagħmlu r-rapport, jistaqsu x'kien ġara u jiktbu r-rapport. Ma jidħlux fit-twissija tad-drittijiet għas-silenzja u ghall-avukat.
Stephen Cachia, uffiċjal minn Transport Malta, permezz tal-istqarrija ġuramentata qal li "*minn indagni li għamilt fir-rekords tal-Awtorita', irriżulta li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBA762 tal-marka Toyota Starlet ta' kulur Ahdar, hija registrata fuq Kevin Bartolo detentur tal-karta tal-identità Numru 79076(M) ghan-nom ta' Kevin Bartolo Motordealer. Din il-vettura ilha hekk irregistrata minn nhar is-7 ta' Mejju 2020. Inoltra, irrizulta wkoll illi il-licenzja tal-istess vettura, skadiet fit-30 ta' Novembru 2018.*"

L-Imputat ghazel li ma jixhidx.

KUNSIDRAT

L-Artikolu 3 (1) tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104, Ligijiet ta' malta) jipprovdi s-segwenti:

"3. *(1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza,* ***ħadd ma jista' juża*** *jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq* ***kemm-il darba,*** *għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ,* ***ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza***."

L-artiklu 3(1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reattaħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).

L-imputat ma ezebixxa l-ebda certifikat ta` insurance.

L-Artikolu 15 (1) (a) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku [Kap. 65, Ligijiet ta' Malta] jipprojbixxi lil persuna milli ssuq minghjar ma jkollha licenzja:

*"15.(1) Kull min –*

*(a) isuq vettura bil-mutur jew vettura oħra mingħajr liċenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura oħra li ma jkollhiex liċenza, jew isuqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż, iżda matkun meħtieġa ebda liċenza dwar bicycle; jew ....*

*ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multata' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerijata' mhux iżjed minn sena.*

*omissus*

*(3) Fil-każ ta' kull reat ieħor taħt is-subartikolu (1) il-qorti b'żieda għall-piena skont dak is-subartikolu, għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għal żmienta' mhux anqas minn tmint ijiem.*"

Mid-dikjarazzjoni guramentata ta' Stephen Cachia, ufficjal minn Transport Malta, u d-dokumentazzjoni relatata mar-registrazzjoni tal-vettura JBA 762 ma' Transport Malta, in atti, hareg li l-imsemmija vettura fil-gurnata li sehh l-incident indizamina ma kellhiex li licenzja stante li l-icenzja taghha kienet ilha li skadiet, cioèfit-30 ta' Novembru 2018.

Ir-rizulta ukoll mix-xhieda ta` Demi, Marie, Mallen, li l-imputat kien qed isuq il-vettura GBA762 fil-mument ta` l-incident.

Ghalhekk, l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni kontra l-Imputat gew sodisfacentement ippruvati.

Din il-Qorti sejra issa tikkonsidra t-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi migjuba konta l-Imputat.

L-incident de quo sehh nhar is-6 ta' Novembru 2020 fis-saghtejn ta' wara nofs inhar (14:00) fit-Triq Wied il-Ghajn, Zabbar. Mill-provi jirrizulta li l-Imputat kien qieghed isuq il-vettura tal-marka Toyota bin-numru tar-registrazzjoni JBA 762 u tilef il-kontroll taghha. Huwa spicca jahbat ma' zewg (2) vetturi ohra li kienu pparkeggjati fl-imsemmija triq. Skont ix-xiehda okulari u dokumentarja (ritratti mehudin mill-ufficjali tal-LESA u l-iskizz, il-vettura tal-Imputat spiccat fuq in-naha l-ohra tat-triq fil-karreggjata opposta. Mir-ritratti jidher li l-impatt mal-vettura Mitsubishi Colt bin-numru tar-registrazzjoni DEM 114 kien wiehed kbir tant li l-vettur spiccat fuq il-bankina imdahhla f'parapett. Il-vettura Mercedes Benz bl-istess impatt spiccat fuq il-bankina wkoll. Iz-zewg vetturi garrbu hsarat estensivi bl-impatt. Fir-ritratt li jinsab f'pagna hamsa tal-Vehicle Accident Report li huwa mmarkat bhala Dok. TC1, tidher **break mark** paralella mal-vettura Mitsubishi Colt. Il-break mark kif ukoll il-pozizzjoni ta' kif spiccaw il-vetturi wara l-impatt u l-hsarat li t-tliet (3) vetturi garrbu juru minghajr dubbju sewqan mhux floku u skont ma trid il-Ligi.

L-Artikolu 15 (1) (a) tal-Kap. 65 li jinsab citat fil-paragrafi precedent, jipprovdi li persuna tinstab hatja jekk issuq vettura bil-mutur b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b'mod perikoluz. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**[1], l-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali tat is-segwenti interpretazzjoni tal-Artikolu 15 (1) (a) tal-Kap. 65:

"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti. kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat."

"Sewqan bla kont hu deskritt fl-artikolu 15 (2) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65) bhala sewqan "bi traskuragni kbira". Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji."

[1] Il-Pulizija vs Alfred Mifsud deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-6 ta' Mejju 1997 per Onor. Imhallef Vincent DeGaetano

“Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perkolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddecidi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-prezenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel.”

“Sewqan f'kaz partikolarijista' jaqa taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurathu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz.”

Tenut kont ta’ dan l-insenjament tal-Qorti tal-Appelli Kriminali u l-fatti elenkati izjed ‘il fuq, il-Onorabbli Qorti hi konvinta li s-sewqan tal-Imputat jaqa’ fil-kategorija ta’ sewqan traskurat.

Rigwardanti r-raba` akkuza ma ingabux provi.

Decide:

Ghal dawn il-motivi, ghalhekk, din il-Qorti rat l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u rat l-Artikolu 3 (1) tal-Kap. 104, l-Artikolu 15 (1) (a) u l-Artikolu 15 (3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65, Ligijiet ta’ Malta), u l-Artikolu 328 (d) tal-Kap. 9, LS65.18, Art36B, LS65 Sitt skeda issibu hati tal-akkuzi kollha kif migjuba kontrih hlief ir-raba` akkuza u filwaqt li tikkundannah ihallas multa komplessiva ta’ tlett elef ewro(€3000) tiskwalifikah milli jzomm il-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena (1) u ai termini tar-Regolament 78 tar-Regolamenti dwar Licenzi Ghas-Sewqan tal-Vetturi bil-Mutur [S.L. 65.18] tordnalu sabiex immedjatament jghaddi l-istess licenzja lill-Awtorità ghat-Trasport. Barra dan, il-Qorti qieghda timponi penali ta’ tmien (8) punti fuq il-licenzja tas-sewqan tal-Imputat skont ir-Regolament 36 B u s-Sitt Skeda tar-Regolamenti dwar Licenzi Ghas-Sewqan tal-Vetturi bil-Mutur [S.L. 65.18] u dan it-tnaqqis ta’ punti ghandu jitnizzel fid-database komputerizzata mill-

Awtorità dwar it-Trasport.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**